Prezz 3d

# L-IMSIDA

Vol. I, No. 1 NOVEMBRU -- DIĊEMBRU

# AWGURI U XEWQAT



MONS. ARĊISQOF



MONS. ISQOF GALEA

Segreterija Arċiveskovili

2 ta' Ottubru, 1964

Sur Editur,

L-Eċċ.za Tiegħu Rev.ma Monsinjur Arċisqof inkarigani niktbilkom li huwa sar jaf li intom sejrin toħorġu ġurnal ġdid taħt l-isem ta' "L-Imsida". Monsinjur Arċisqof jixtieq kull ġid u suċċess lil dan il-ġurnal, li jittama li jkun ta' ġid spiritwali u temporali lill-qarrejja. Fl-istess ħin Huwa jibgħat il-Barka Pastorali lill-Kumitat inkarigat, lis-sinjurija tiegħek bħala Editur, lill-kollaboraturi u lill-qarrejja kollha.

MONS. ARTURO BONNICI, Segretarju.

*Curia Archieipscopali Meliten.* 2 ta' Ottubru, 1964.

*Bit-tama li l-ġurnal il-ġdid tagħkom, "L-Imsida", iġib frott abbundanti fil-parroċċa fis-sens li, permezz tiegħu, in-nies iħossuhom magħqudin aktar f'familja waħda, inbierek minn qalbi lil dawk kollha li kellhom parti fil-pubblikazzjoni ta' dan il-ġurnal, u lil dawk kollha li jaqrawh.*

*† EMM. GALEA,*
*Viġ. Ġen. u Loc. Ten.*

* * * * *

Msida, 30 ta' Settembru, 1964.

Nifirħilkom minn qalbi għall-ġurnal "L-Imsida" li biħsiebkom toħorġu b'artikoli ta' interess reliġjuż, soċjali u kulturali flimkien ma' artikoli ta' interess parrokkjali, mhux bil-ħsieb li tgħalqu lill-Misidjani fil-ħolqa ta' art twelidhom, imma biex tgħaqqduhom flimkien bħal aħwa. Nitlob li Alla jxerred il-barka tiegħu fuq dan il-ġurnal.

MONS. ARTURO BONNICI.

* * * * *



W. R. KAPPIPLLAN

Domus Curialis
Misida. Festa tal-Madonna tar-Rużarju.

Mal-kliem sabiħ ta' l-Awtorità Ekklesjastika, ngħaqqad ix-xewqat tiegħi, bħala Kap Spiritwali ta' din il-Parroċċa.

Jalla l-gazzetta "L-Imsida" tgħin biex tkabbar u ssaħħaħ bejnietna l-imħabba, il-għaqda u l-kooperazzjoni, biex nagħmlu mill-Imsida, il-Parroċċa l-aktar sabiħa quddiem il-għajnejn t'Alla u tal-Maltin.

IL-KAPPILLAN.

* * * * *



MONS. ARTURO BONNICI

Melita Band Club
Msida.

Fl-okkażjoni ta' l-ewwel ħarġa tal-ġurnal "L-Imsida", nixtieq għan-nom tal-kumitat u l-membri tas-Soċjetà Filarmonika "Melita", kull suċċess lil din il-gazzetta.

Nistħajjel li m'hemmx bżonn noqgħod ingħid li l-bżonn ta' gazzetta bħal din kien ilu jinħass fl-Imsida, u hija xewqa tagħna lkoll li issa tibqa' tirċievi l-għajnuna ta' kulħadd.

Bis-sinċerità kollha nixtiequ kull ġid u minn qalbna kull ferħ.

J. CASSAR NAUDI,
*President.*

* * * * *



Bħala President tas-Saint Joseph Football Club, nixtieq għan-nom tal-kumitat tiegħi, players, membri u supporters tal-club, nawgura lill-gazzetta "L-Imsida" suċċessi kbar meta naf l-iskop li għalih qed toħroġ din il-gazzetta, nixtieq lil kulħadd li jikkoopera ma' l-organizzaturi biex dak li nbeda l-lum jitkompla.

JOE FRIGGIERI,
*President.*



SUR J. CASSAR NAUDI
Pres. Melita Band Club

SUR J. FRIGGIERI
Pres. St. Joseph F.C.

# DJARJU PARROKKJALI

## IMGHODDI

**AWISSU u SETTEMBRU**

1 ta' Awissu: — Fil-Parroċċa saru l-visti tal-Porzjunkula mit-Terz'Ordni Franġiskan.

17 ta' Awissu: — Sar pellegrinaġġ, organizzat mir-Rettur tas-Santwarju ta' Loreto, għal Għawdex; saru diversi żjarat lill-knejjes u saret il-quddiesa filknisja ta' San Ġakbu, il-Belt Victoria.

30 ta' Awissu: — Fl-iskola tal-Gvern, ġentilment misluфа mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, sar it-III Song Contest organizzat miż-Ż.H.N.

21 ta' Settembru: — Il-Banda Melita għamlet Marċ mattoroq tal-pajjiż għall-okkażjoni tal-festi ta' l-Indipendenza. Il-Banda kienet taħt it-tmexxija tas-Surmast Philip Gatt.

22 ta' Settembru: — Tqegħid ta' l-ewwel ġebla ta' l-Università Rjali ta' Malta fil-parroċċa ta' l-Imsida, minn Mr. Duncan Sandys, Segretarju Kolonjali.

26 ta' Settembru: — Festa tal-Konsagrazzjoni tal-knejjes. Fil-parroċċa u fis-Santwarju ta' Loreto saru funzjonijiet għal din l-okkażjoni.

27 ta' Settembru: — Festa ta' San Franġisk fil-parroċċa. Għall-ewwel darba l-istatwa ta' San Franġisk ġiet maħruġa fil-proċessjoni. It-Terz'Ordni tixtieq tirringrazzja lill-benefatturi u lil dawk li għenu biex il-festa tkun suċċess.

## ĠEJJIENI

**NOVEMBRU u DIĊEMBRU**

1 ta' Novembru: — Pellegrinaġġ għaċ-Ċimiteru ta' l-Addolorata organizzat mit-Terz'Ordni Franġiskan.

2 ta' Novembru: — Jum il-mejtin kollha. Kull min jinvista l-knisja u jagħmel vista quddiem Ġesù Sagramentat, minn nofs in-nhar ta' l-ewwel ta' Novembru sa nofs il-lejl tal-lum, jirbaħ Indulġenza Plenarja kull vista, applikabbli biss għall-Erwieħ tal-Purgatorju, basta jqerr u jitqarben, u f'kull daħla u ħarġa jgħid *6 Pater, 6 Ave u 6 Glorja,* skond il-fehma tal-Papa.

8 ta' Novembru: — Pellegrinaġġ organizzat mir-Rettur tas-Santwarju ta' l-Orsolini għaċ-Ċimiteru ta' l-Addolorata.

Matul ix-xahar ta' Novembru fil-Parroċċa jsiru l-Uffizzjaturi tal-Fratellanzi u tal-Għaqdiet kollha.

1 ta' Diċembru: — Fis-Santwarju tal-Madonna ta' Loreto tibda n-Novena għall-okkażjoni tal-festa titulari.

8 ta' Diċembru: — Fil-parroċċa festa tal-Madonna tal-Kunċizzjoni. Filgħaxija jkun hemm il-proċessjoni.

10 ta' Diċembru: — Festa tal-Madonna ta' Loreto għand l-Orsolini, Titular tas-Santwarju.

15 ta' Diċembru: — Fil-Parroċċa tibda n-Novena tal-Milied.

16 ta' Diċembru: — Fis-Santwarju ta' Loreto tibda n-Novena tal-Milied.

20 ta' Diċembru: — Toħroġ il-Harġa Speċjali tal-gazzetta "L-Imsida" għall-okkażjoni tal-Milied.

## KOMPETIZZJONI SPEĊJALI GHALL-MILIED

Il-kumitat ta' din il-gazzetta qed iniedi kompetizzjoni speċjali għall-Milied li tikkonsisti fl-aħjar dekorazzjoni fi Spirtu Kattoliku tal-Milied.

REGULAMENTI

1. Id-Dekorazzjoni trid tkun tidher minn barra.
2. Il-Ġurija tkun magħmula minn 4 sinjuri *minn barra l-pajjiż.*
3. Il-kompetizzjoni ma ssirx jekk ma jkunx hemm mill-inqas 10 applikazzjonijiet validi.
4. Id-dekorazzjonijiet jiġu eżaminati bejn il-Milied u l-ewwel tas-sena.
5. Min jagħmel xi alterazzjonijiet fi żmien il-kompetizzjoni jiġi skwalifikat.
6. Applikazzjonijiet, li jittieħdu minn għand il-membri tal-kumitat, għandhom jaslu lill-Editur mhux aktar tard mill-20 ta' Diċembru.
7. Jingħata premju, li jkun Portable Tape-recorder jew Transistor Radio, ġentilment mogħti mid-ditta 20th Century Sales and Service ta' 84, St. John's Street, Valletta.
8. Id-deċiżjoni tal-ġurija tkun finali.

# STATISTIKA

**AWISSU u SETTEMBRU**

### TWELID

Twieldu 18-il tifel u 17-il tifla.

### ŻWIĠIJIET

| | |
|---|---|
| Bernard Licari u M. Paulina Spiteri | 2. 8. 64 |
| Joseph Donald Calleja u Margerita Rosa Agius | 2. 8. 64 |
| Alfredo Bonello u Teresa Pulis | 2. 8. 64 |
| Saviour Zammit u M. Carmela Zammit | 2. 8. 64 |
| Gejtu Zammit u Josephine Formosa | 5. 8. 64 |
| Carmel Saliba u Maria Bonnici | 9. 8. 64 |
| Joseph Galea u Salvina Jelley | 15. 8. 64 |
| Andrew Ellul u Evellina Galea | 15. 8. 64 |
| Emm. Azzopardi u Nicolina Camilleri | 22. 8. 64 |
| Michael Alamango u Lorenza Anna Muscat | 23. 8. 64 |
| Neoyus Borg u Ludgarda Zerafa | 23. 8. 64 |
| France Lovegrove u Carmela Peregin | 29. 8. 64 |
| Anthony Muscat u M. Violetta Mifsud | 30. 8. 64 |
| Edwin Falzon u Giorgina Filletti | 6. 9. 64 |
| Laurence Xerri u Anna Farrugia | 13. 9. 64 |
| Joseph Apap u M. Concepta Sultana | 20. 9. 64 |

### IMWIET

| | |
|---|---|
| Caruana Filomena (36 sena) | 3. 8. 64 |
| Sr. Maria Fortunata Caruana Scicluna (75 sena) | 6. 8. 64 |
| Pace Anthony (81 sena) | 20. 8. 64 |
| Mallia Carmela (91 sena) | 22. 8. 64 |
| Cacciattolo Joseph (67 sena) | 27. 8. 64 |
| Farrugia Anthony (61 sena) | 3. 9. 64 |
| Monsegneur M. Assunta (71 sena) | 6. 9. 64 |
| Agius Joseph (57 sena) | 11. 9. 64 |
| Galea Giovanna (56 sena) | 13. 9. 64 |
| Gauci Paul (48 sena) | 23. 9. 64 |
| Seguna M. Victoria (74 sena) | 25. 9. 64 |
| Grima Joseph (82 sena) | 27. 9. 64 |

**R. I. P.**

**BRINSONS JEWELLERY WORKS**

- Manufacturing Jewellers
- Gold & Silversmiths
- Filigree Works
- Antique Imitation
- White Gold

**Specialists in Engagement Rings**

*Workshop*

**43, St. Anthony Street Msida**

(Dial 31991)

*Head Office*

**189, Old Bakery Street Valletta**

(Dial 29017)

**LONDON GARAGE**

**(Prop. F. X. Apilina)**

**59, MSIDA WHARF MSIDA**

Tel. C. 26640

Branch:

**117a, PIETA' WHARF PIETA'**

GENERAL HIRE SERVICE

5 & 7 Seater Cars

Volkswagen Transporters

and Comfortable Self Drive Cars

Private Buses for Hire

Garaging of private cars

**Special Terms for Long Hire**

**Dunlopillo**



*The most heavenly mattress on earth*

Dealer:

**JOE M. GALEA**

**114 D'Argens Road, Msida. Tel: S.1937**

"Empire Press" — Floriana

**PAĠNA GĦAN-NISA**

*Minn MRS. CARMEN CARBONARO*

# KIF TIRRANĠA D-DAR

ĠEJT mitluba mill-kumitat li qed joħroġ din il-gazzetta biex nagħtikom tagħrif fuq affarijiet li jinteressaw lilna n-nisa. Sejra nibda billi nagħtikom tagħrif fuq kif tista' tirranġa d-dar b'kuluri qawwija u ħajjin.

Kif tqabbel il-kuluri għad-dar, kemm għat-tibjid, kif ukoll għall-kuluri ta' purtieri, tapiti, kutri, ecc., biex jagħmlu effett sabiħ? Tirranġaw kemm tirranġaw darkom, tixtru għamara ġdida, tqallbu l-għamara 'l hawn u 'l hemm, iżżidu xi biċċa għamara jew tnaqqsu oħra, tirranġaw il-purtieri; insomma tagħmel x'tagħmel, biex inti tirravviva l-kamra, hemm bżonn tibdel jew tirranġa l-iskema tal-kuluri; imma biex tagħmel dan, trid tkun taf tqabbel il-kuluri ma' xulxin, għaliex skond skema ta' kuluri mqabbla tajjeb, tista' tbiddel dar ordinarja f'dar sabiħa, arjuża, mimlija dawl, u anki xi kamra ċkejkna, mudlama u kerha tista' titbiddel u tagħti l-illużjoni li hija ikbar, iktar arjuża u mdawla.

L-ewwelnett, huwa aħjar li tħalltu żewġ kuluri li jgħidulhom "warm colours", jiġifieri bħall-aħmar u l-isfar, ma' kulur wieħed "frisk", bħal blu, jew ċelesti, aħdar u griż.

Ħaġa tajba u ħafifa biex titgħallem tqabbel il-kuluri, hija li tixtri kaxxa bil-kuluri taż-żebgħa, bħal dawk li jkollhom it-tfal, u tibda tesperimenta int, fuq biċċa karta, biex tara liema skema ta' kuluri l-aktar li jogħġbuk. Ipprova ħafna taħlit u ara liema l-iktar jiġi tajjeb għal fejn tridu inti. Kuluri ċari, mhux imdaħħnin, aħjar minn xi kulur kannella, qisu kulur it-tajn, jew xi aħdar mhux ċar, imdaħħan, jew kulur il-ħamrija. Ftakru li jekk tużaw kuluri skuri, tużawhomx għal kmamar żgħar, jew bis-saqaf baxx, jew kmamar mudlama.

Il-kuluri ċari, dawk li jgħidulhom "Pastel Colours", għall - kuntrarju, jagħtu l-illużjoni ta' kobor, u jdawlu. Il-kuluri blu, aħdar u isfar huma kuluri li jagħtu l-idea ta' mistrieħ, li jserrħu l-għajnejn. Tinsewx li fil-kmamar baxxi, l-aħjar li ma tagħmlux la zokklu u lanqas dik il-biċċa gwarniċ ta' fuq ħdejn is-saqaf, għax jidhru aħjar mingħajrhom; komplu bit-tibjid jew biż-żebgħa sa fuq nett u sa isfel nett.

Kmamar dojoq iridu jiġu mbajdin f'kuluri jgħajjtu; per eżempju, jekk ikollok il-kċina dejqa, iżbogħha kolha kulur wieħed, mingħajr zokklu, bħal isfar ċar u kulur il-krema; u iżbgħu l-għamara l-istess kulur (dan jagħti illużjoni li l-kċina hi ikbar milli hija verament); imbagħad żidu xi kulur ieħor, jew anki tnejn, fil- purtieri tat-twieqi u fil-pumi tal-għamara; per eżempju, tagħmlu purtieri ħodor jew blu, u l-pumi l-istess kulur bħall-purtieri. Taraw b'hekk kemm il-kċina tkun tidher ikbar u aktar arjuża.



Kamra tas-sodda tat-tfal tiġi ħelwa ħafna kieku l-ħitan tbajjadhom griż perla, is-saqaf isfar ċar, l-għamara isfar ċar; imbagħad tagħmel kutra ta' xi kulur iċ-ċirasa, li dan jiġi irripetut fil-purtieri tat-tieqa jew twieqi, u tapit ta' ħdejn is-sodda, mentri x-shade tal-lampa tal-komodina jista' jkun roża fl-aħmar.

Kamra tas-sodda tal-kawba tiġi sabiħa ħafna jekk tagħżlu skema ta' kuluri pastel, jiġifieri, jew roża ċar, jew blu ċar, jew "powder blue"; it-tibjid tal-kamra fir-roża, ikun "off white" jew roża ċar, u ta' l-oħra fil-blu, it-tibjid ikun kulur il-perla. Fin-nofs tal-purtieri tal-kamra bejniethom, tista' tagħmel purtiera oħra tannet, jew tal-musulina, abjad jew avorju.

Is-salott jiġi sabiħ ħafna jekk tagħżlu skema ta' kulur fil-"gold"; ma' dan il-kulur, tista' mbagħad tagħżel kwadri sbieħ, li dawn jirripetu ruħhom f'li stand lamp, li tippikkja xi kulur minn tal-kwadri, u tapit ta' l-istes kulur.

Oqogħdu dejjem attenti li ma ddaħħlux iżjed minn tliet kuluri, għaliex inkella jkollkom ħafna taħlit ta' kuluri li dan iġib konfużjoni. U biex ngħinkom tagħmlu dan, jiġifieri żżommu dejjem fuq skema ta' kuluri li jarmonizzaw ma' xulxin, ser nagħtikom lista ta' kuluri li tistgħu tħalltuhom flimkien, li jkunu armonjużi.

Diġà għidtilkom, li l-aħjar huwa li tħalltu kulur wieħed minn dawk li jgħidulhom "cold colours", ma' tnejn "warm colours". Issa, il-"cold colours" huma: il-blu, u dawk ix-shades kollha tal-blu; l-aħdar, griż, abjad u biege. Il-kuluri

*(Ikompli f'paġna 5)*

**CYCLE STORE**
**78, RUE D'ARGENS**
**MSIDA**
**Prop. Joseph Cauchi**
Phone Sliema 1967
Football Covers, Bladders
and accessories
Films for sale
Developed & Printed
*Electrical goods*
*in stock*
OPEN ALL DAYS

**SER TIŻBOGĦ? EJJA GĦAND**
**CARSONS PAINT CENTRE**
**MSIDA**




Fejn issib makna unika li tagħtik f'inqas minn minuta kull wieħed 'l fuq minn kull 1,000 kulur li inti tagħżel. Issib din iż-żebgħa: ...PLASTIC EMULSION - ENAMEL GLOSS EGGSHELL u UNDERCOATING, tal-Marka **ULTRALUX** kull ħin li trid, minn pinta sa gallun fil-kuluri kollha. ŻEBGĦA Ingliża u garantita mill-Good Housekeeping Institute.

**CARSONS PAINTS CENTRE**
**44, Ta' Xbiex Sea Front**
**Msida**
Tel. 1097



**THE ONE AND ONLY PORTABLE JUKE-BOX and RADIO**
***for all purposes***
*Sole Agents:*
**20TH CENTURY SALES & SERVICE**
**84, St. John Street - Valletta**

# "L-IMSIDA"

**LEHEN IL-PARROĊĊA**

*Direttur: Spiritwali:* Dun Ġużepp Mifsud.
*Editur:* Is-Sur Joe Friggieri
*A/Editur:* Is-Sur Lino Bartolo
*Membri oħra tal-Kumitat Editorjali:*
Is-Sur Charles Casha
Is-Sur Joe Brincat
Is-Sur Vincent Vassallo
Is-Sur Anthony Catania
Is-Sur Patrick Sciberras.
*Abbonament għal sena:* Malta 2/6.
Barra 4/-

**Vol. I, Nru. 1.** **Nov. - Diċ., 1964**


## Editorjal

'IL QUDDIEM! B'din il-kelma fuq fommna, nippreżentaw ruħna quddiemkom illum għall-ewwel darba b'din il-ħarġa inawgurali tal-gazzetta tagħna.

'Il quddiem: għax din il-ħarġa hija verament pass 'il quddiem fil-ħajja tal-belt tagħna; u dan il-kumitat li, wara ħafna taħbit, irnexxielu llum ipoġġi f'idejkom dan il-ġurnal, għamel pass ieħor fil-ħajja soċjali tagħna l-Misidjani.

'Il quddiem: għax dan in-numru tal-ġurnal, bħal kull bidu, huwa inizjattiva, huwa ħarsa lejn il-futur: u mhux ħarsa vaga u vojta, imma ħarsa u inizjattiva mimlijin determinazzjoni li għal li ġej dan il-ġurnal ikun il-mezz li l-poplu Misidjan jiżviluppa b'mod dejjem aħjar il-ħajja kulturali, reliġjuża u soċjali tiegħu. Jeħtieġ li nimxu 'l quddiem: mhux biss bħala individwi, imma anki bħala soċjeta' magħmula minna Misidjani.

'Il quddiem: ukoll għax dan il-ġurnal jeħtieġ li jkun inċentiv qawwi li jġiegħel lil min hu responsabbli f'kull qasam tal-ħajja li jagħmel il-parti tiegħu, kbira jew żgħira, favur il-belt tagħna bl-iskop li l-Imsida tkun minn ta' l-ewwel f'kollox fost il-bliet u l-irħula ta' Malta.

Dan il-ġurnal irid ikun il-mezz li jagħti ċ-ċans lil kull min hu Misidjan li juri l-kapaċita' tiegħu f'kull kamp: irridu nuru li, fost ulied l-Imsida, hemm talent u talent anki kbir f'diversi aspetti tas-soċjeta' moderna. Għalhekk il-kumitat jixtieq li kull min joqgħod fl-Imsida, Guardamangia u tal-Pieta' jħares lejn dan il-ġurnal bħala xi ħaġa tiegħu u li, għax tiegħu, għandu jagħmel ħiltu u jikkontribwixxi biex din il-ħaġa tiżviluppa u timxi dejjem 'il quddiem.

B'dan l-iskop, il-ġurnal ser ikun fih daqsxejn minn kolox: ser jieħu ħsieb il-mara tad-dar u t-tfal; ser jieħu ħsieb l-interessi tagħkom fil-letteratura, f'li sports, fil-varjeta' u, f'kelma waħda, f'dak kollu li qed jiġri madwarkom. Dan il-ġurnal jippubblika l-ittri tagħkom, l-ilmenti tagħkom u s-suġġerimenti li jesprimu dak li tixtiequ taraw fl-Imsida. Nieħdu gost nippubblikaw ukoll avviżi ta' interess: dwar inizjattivi futura, dwar xogħol, bejgħ u xiri, żwiġijiet, parties, eċċ. — insomma dak kollu li jinteressa lilkom qarrejja li tgħixu fl-Imsida, Guardamangia u tal-Pieta'.

Din hija l-kooperazzjoni li, jekk intom tagħtuhielna, aħna tal-kumitat napprezzawha ferm u timlina bil-kuraġġ biex inkomplu mexjin 'il quddiem fil-ħidma li aħna bdejna, imqanqlin biss mill-imħabba ta' wlied sinċieri lejn din il-belt li tatna l-ħajja. Aħna għadna nibdew: għandna bżonn l-għajnuna tagħkom — għinuna! Għax jekk tgħinu dan il-ġurnal, tkunu qed tgħinu lil pajjiżkom, lilkom infuskom. Aħna niżgurawkom li kull għajnuna tkun apprezzata u minn issa nirringrazzjawkom bil-quddiem ta' kollox: artikoli, ittri, xi għajnuna ta' flus, xi reklami, u fuq kollox tagħmlulna l-ikbar kuraġġ jekk, f'Novembru, in-nies kollha tal-parroċċa tagħna narawhom ħerġin bi ħġarhom biex jixtru l-gazzetta li qed noffrulhom li hija **l-gazzetta tagħkom!**



## L-IMSIDA FL-IMGĦODDI

**Minn LINO BARTOLO**

PAĠNA ġdida fl-istorja ta' pajjiżna nfetħet il-lum, meta b'dan il-ġurnal li aħna ħriġna qegħdin inġibu quddiemkom illum l-ewwel silta ta' l-istorja ta' Beltna l-Imsida. Għandna għax inkunu kburin b'dan l-isem ta' pajjiżna meta niftakru li dan l-isem huwa meħud minn ta' Omm il-Feddej. Kull pajjiż tad-dinja għandu l-istorja tiegħu, hekk ukoll Malta bl-istorja tagħha tqiegħded fuq il-mappa tad-dinja. F'din il-gżira ta' Malta jinsabu madwar il-50 parroċċa li kull waħda għandha l-istorja tagħha, hekk ukoll Beltna l-Imsida għandha storja interessanti u sabiħa li lkoll għandna nkunu nafuha. L-isem ta' Imsida x'aktarx ġej minn dawn iż-żewġ kelmiet: l-ewwel minn "Omm Sidna", u t-tieni minn "Imsajda". Nafu li l-isem ġej minn dawn għaliex fl-antik ġewwa pajjiżna kienu joqogħdu xi ftit sajjieda li kienu jaqilgħu l-għajxien tagħhom mis-sajd, għax l-Imsida f'dak iż-żmien kienet post tas-sajd bħal ħafna pajjiżi llum, u għalhekk mis-sajd ġiet il-kelma ta' "Imsajda". L-isem ta' Omm Sidna x'aktarx ġej minn żmien il-pirati li kienu jaħbtu għal Malta meta Malta kienet għaddejja minn taħt idejn it-tiranni ta' kull ġens, li kienu huma stess ibiegħu lil Malta. Dawn il-pirati kienu joqogħdu f'dan il-post, u dawn kienu jitolbu lill-Madonna li kienu jivveneraw ġewwa għar, u jinvokawha bit-titolu ta' Omm Sidna. S'intendi dan l-isem inbidel u llum insibuh "IMSIDA", post magħruf minn kull Malti.

*(jissokta)*


**FIAT** **GUARANTEES**
**Safer Capital Investment**
**Improved Mechanical Efficiency**
**Greater Petrol Economy**
*SEE ALL THE LATEST MODELS*
*Exhibited at*
**THE NEW WALDORF GARAGE —**
**FIAT SERVICE STATION — PIETA'**
and
**FIAT SHOWROOMS at**
**MSIDA VALLEY ROAD, B'KARA**
Fiat Agency: U.C.I.M. Co., (Malta) Limited
206/207, Marina Street, Pieta' (Phone 25362)

# IL-KELMA TAT-TABIB

ĠEJT mitlub mill-editur ta' din il-gazzetta biex nesprimi xi ideat u pariri lill-qarrejja ta' dan il-ġurnal. Peress li din hija l-ewwel ħarġa, sejjer nieħu din l-okkażjoni biex nintroduċi din is-serje ta' taħditiet żgħar.

Nibda biex ingħid li mhux il-lok li noqgħod ingħid fuq mard serju, għalkemm fuq dan ukoll għad nitkellem. Għandi xi pariri utili li jistgħu jservu ta' bżonn lil ħafna nies, bħalma, ngħidu aħna, il-kura tas-saqajn lil dawk li huma morda bizzokkor; jew x'tagħmel fil-każ li jkollok tarbija li tkun qed tipporga ħafna u aħdar qabel ma tgħid lit-tabib jaraha.

Waħda mill-mistoqsijiet li ħafna ommijiet jistaqsu meta jgħidulek biex tmur tara lit-tarbija hija din: "Tabib, kif qabditha din l-infezzjoni f'imsarinha?" jew "Kif ħadu r-riħ it-tifel — dan qatt ma joħroġ barra mid-dar?" Dawn u ħafna mistoqsijiet li jiġi mistoqsi t-tabib. Naturalment it-tabib jirrispondihom. Dan il-punt huwa wieħed mill-aktar importanti u, biex ingħid hekk, huwa l-qofol tal-mediċina kollha.

Ix-xogħol li jsir mill-istudenti u nies kbar tal-mediċina huwa ibbażat fuq dan issuġġett: kif jiġi l-mard? Ix-xogħol tat-tabib hu li jfejjaq il-mard, imma x-xogħol ta' dawn l-istudjużi tal-mediċina hu li jaraw minn fejn jiġi l-mard biex l-ewwelnett jaraw li t-tabib ikun jista' javża lill-pazjent biex darba oħra joqgħod attent, u t-tieni biex joffru lit-tabib il-mediċina adattata għal dik il-marda. Biex insemmu żewġ eżempji:

Nieħdu l-ewwelnett iddeni rqiq. Dawk li huma kbar fl-età jafu kemm kien hawn deni rqiq hawn Malta. Forsi min qed jaqra dan l-artiklu, kellu lil xi ħadd li miet bid-deni rqiq jew baqa' mmankat. Min-naħa l-oħra, kemm hawn każi ta' deni rqiq hawn Malta llum? Ftit li xejn! Dan kollu minħabba l-fatt li llum nafu minn fejn jiġi d-deni rqiq u, jekk insibu lil xi ħadd li għandu d-deni rqiq, il-mediċini li hawn illum huma tant tajbin li jfejqu l-marda f'qasir żmien mingħajr l-ebda komplikazzjoni. L-istess nistgħu ngħidu fuq il-mard tas-sider, jew it-tuberkulożi. Fuq dan is-suġġett hemm ħafna x'wieħed igħid 'il quddiem.

It-tieni parir li jservi ta' ħafna ġid kemm lit-tabib u kemm lill-omm tat-tarbija jew lill-marid, hu li t-tabib għandu jiġi mogħti informazzjoni eżatta u mingħajr ebda kliem żejjed. Ftakar li hemm il-ħajja tal-marid finnofs. Ħafna drabi l-omm tat-tifel jew tifla, jew il-marid stess, ma jgħidux kollox lit-tabib, u dan ikollu jistaqsi ħafna mistoqsijiet sakemm jasal f'konklużjoni—din ħaġa li ma għandhiex issir.

It-tielet parir hu li l-marid jew omm il-marid għandha tagħmel kolox kif jgħidilha t-tabib. Għaliex inkella, mhux talli l-mard ma jfiqx, imma jista' jkun hemm il-ħsara. Biex nieħdu eżempju żgħir, marid għandu tunsillite. Jiġi t-tabib u jordna numru ta' injezzjonijiet tal-Penicillin. Wara xi jumejn jiġi l-marid ferħan li griżmejh għaddewlu u li ma għadux jagħmel il-Penicillin. Wara ftit ġranet jerġgħu jibdew juġgħuh griżmejh u mbagħad it-tabib ma jkunx jista' jagħtih il-Penicillin għaliex il-mikrobi jkunu reżistenti għaliha. Il-marid għandu jiftakar li kemm idum fis-sodda jew kemm idum jieħu l-mistura jew il-pilloli mhix ħaġa li *jivvinta* t-tabib, imma li *studja* t-tabib.

Fl-aħħarnett tajjeb li wieħed ikun jaf x'għandu jagħmel f'każi ta' malajr, bħal meta ngħidu aħna t-tarbija tixrob il-pitrolju jew meta tifel jaqta' idejh.

Biex ngħalqu:

1. Kif nistgħu nevitaw il-mard?
2. X'għandu jagħmel wieħed biex ifiq: (i) jgħid littabib b'dak kollu li ġralu; u (ii) joqgħod għall-pariri tat-tabib.
3. X'għandu jagħmel wieħed f'każ ta' emerġenza?

Saħħa għalikom.

IT-TABIB.

# GĦALIKOM TFAL

FL-AĦĦAR ġranet tas-sajf kont qiegħed nippassiġġa ftit, bħal ma nħobb nagħmel, mad-dawra "ta' l-irdum" għaż-żiffa ta' filgħaxija. Kont qed nieħu gost nara lil tant tfal, bid-daħqa u ferħanin, jilagħbu: min jitbandal, min jinżel maż-żurżieqa li hemm fil-playground, min jilgħab il-football, iżżgħar jaqbżu u jifirħu fuq ir-ramel: insomma kulħadd qed jieħu pjaċir. Anki l-kbar ukoll, li kienu qed jippassiġġaw bħali u x-xjuħ bilqiegħda fuq il-bankijiet, ilkoll kienu qed iqattgħu kuntenti siegħa ta' mistrieħ.

Imma f'ħin minnhom, xi erba' subien li kienu xebgħu jitbandlu, bdew jgħollu l-bandli, iħabbtuhom ma' xulxin u jħabblu l-ktajjen li kienu mdendlin minnhom. Din il-ħaġa ma għoġbitni xejn u ridt kieku nfehimhom lil dawk it-tfal, imma f'daqqa waħda telqu jiġru qatta bla ħabel.

Dak il-ħin ġieni f'moħħi dan il-ġurnal, u għidt: ngħidilhom it-tfal! U tafu x'irrid ngħidilkom? Biex tħobbu aktar il-belt għażiża tagħna — l-Imsida; u biex tibżgħu għall-affarijiet li fiha. La tikbru, intom tridu tgawduha l-Imsida tagħna, u għalhekk għandkom tħalluha sabiħa u nadifa kemm jista' jkun.

Permezz ta' din il-gazzetta biħsiebni, 'il quddiem, nurikom kif tagħmluh dan. Għalhekk aqrawha din il-gazzetta, u speċjalment din il-folja tagħkom. Li tkunu tridu fiha, iktbuli u nieħu gost bikom. Idħlu għall-kompetizzjoni tagħkom.

Anki jekk tibagħtu tistaqsuni xi ħaġa fuq liema suġġett tridu, nipprova nirrispondikom; iktbu fl-indirizz ta' l-Editur. Għalina, tfal.

Il-Bambin iberikkom.

DUN ĠUŻEPP.

## KOMPETIZZJONI

Għandkom 21 sillaba. Minnhom iffurmaw kemm tistgħu ismijiet ta' bliet u rħula f'Malta. Kull sillaba tistgħu tużawha darba biss. Mhux bilfors tużaw is-sillabi kollha. Min isib l-aktar ismijiet, ikun ir-rebbieħ jew rebbieħa.

Kal - Sen - Żur - Mar - Fġ - Bir - Sax - Sas - Ka - Rieq - Mar - Xa - Mel - La - Ra - Ħa - Żeb - Bu - Qren - Lokk - Ġa.

1. It-tfal kollha li għadhom ma għalqux il-15-il sena jistgħu jidħlu għal din il-kompetizzjoni.
2. Mat-tweġiba, iktbu isimkom, l-indirizz sħiħ u l-età.
3. It-tweġibiet iridu jaslu mhux aktar tard mill-25 ta' Novembru f'dan l-indirizz:

Kompetizzjoni: Għalikom Tfal,
c/o 5, Mons. Dandria Str.
Msida

4. Tinsewx twaħħlu bolla ta' 2d. fuq l-envelope.
5. Ir-ritratt tar-rebbieħ jew rebbieħa jidher fil-ħarġa li jmiss u jiġi mogħti rigal.
6. Jekk ikun hemm aktar minn tweġiba waħda, il-premju jitla' bix-xorti.

## STORJA TAL-LUM

Rosina, xiħa ta' 75 sena, kienet qed iżżebbeġ l-aħħar posta tar-rużarju bil-qiegħda fuq is-sodda. Fir-rokna tal-kamra kien hemm tazza biż-żejt tnemnem quddiem xbieha tal-Madonna. Meta spiċċat ir-rużarju kienet ser timtedd, imma ma setgħetx toqgħod bi kwietha għax, waqt ir-Rużarju kienet ħasset xi ċaqliq taħt is-sodda, u Rosina ma kenitx mara fqira!

F'daqqa waħda ġietha idea u qalet: "Hi, iż-żejt tal-Madonna mhux ser iservi għal matul il-lejl kollu; aħjar immur nixtri ftit malajr biex ma nħallihiex fid-dlam il-Madonna!"

Qamet, libset karkur, u ħarġet. Wara ftit, fid-dar ta' Rosina daħlu żewġ pulizija u ma damux wisq — għax malajr ħarġu magħhom żewġt irġiel li kienu sabu taħt is-sodda tax-xiħa!

IZ-ZIJU EDDIE.

## PAĠNA GĦAN-NISA

*(Jissokta mill-paġ. 3)*

"warm" huma: aħmar, ixshades tiegħu kollha, ir-roża, l-isfar u x-shades kollha tiegħu, l-aranċjo, il-kannella, rust jew maroon, jiġifieri kannella li jagħti fil-wine.

Issa nieħdu l-kuluri tlieta tlieta, jiġifieri kif għandkom tagħżluhom, wieħed cold u oħrajn warm colours.

Issa nieħdu l-blu fil-griż; dan tista' tħalltu mar-roża fl-aħmar. Ma' dawn il-kuluri, tista' tħallat touch wieħed ta' isfar, u b'hekk ikollok skema ta' kuluri ħelwa ħafna. Per eżempju, il-kamra tkun imbajda blu fil-griż, l-għamara fil-kulur isfar, imbagħad xi ornamenti talkamra, li fihom tintroduċi kulur roża ħamrani. Pereżempju, jekk il-purtieri tkun ser tagħmilhom iffjuriti jew irrigati, allura agħżilhom fil-kulur ta' l-isfar, roża u blu ftit iktar skur mittibjid tal-ħajt. Ma' dawn il-kuluri, xi touch abjad jagħmel ħelu ħafna wkoll. Jekk hi kamra tas-sodda li għażiltu għaliha dan il-"colour scheme", allura l-kutra tista' tkun ta' xi kulur milli semmejna, jiġifieri f'dan il-każ, ta' kulur roża tkun ħelwa ħafna.

Kamra oħra, tista' tagħżel għaliha l-kulur abjad fl-avorju għat-tibjid, imbagħad tħallat magħha l-kuluri aħmar ċirasa, ma' xi touch ta' kulur, tourquoise, pereżempju, il-ħitan avorju, l-għamara ta' kulur il-kawba ħamrani, il-purtieri tourquoise; ma' dawn imbagħad tista' ddaħħal xi touch ta' isfar ukoll.

Jekk tkun kamra tal-għamara ta' l-abjad, u mhux tal-kawba, allura tista' malħitan kulur l-avorju, l-għamara tiżbogħha fil-blu, u magħha tħallat l-isfar f'purtieri, dvalji jew doylers.

Idea oħra ta' skema ta' kuluri tista' teħodha minn xi inkwatri li meta tħares lejhom donnok tiffriska u tikkalma. Pereżempju, ikollok xi tliet inkwatri żgħar li fihom jiddominaw il-kuluri tal-fjuri fil-blu u fl-aħmar fuq art bajda.

# PAGNA LETTERARJA

## ĠENN

**Novella ta' ĠUŻE' CHETCUTI**

BIDEJJA t-tnejn ħaddant is-Salib ma' sidri u ħriġt niġri 'l barra. Leħħa qawwija ta' berqa li d-dawl tagħha kien qisu d-dawl ta' bin-nhar ħasditni, u s-sajjetta li faqqgħet wara sthajjiltha ser iġġarraf il-bini kollu ta' madwari. Riġlejja nbarmu fuq ġebla jien u niġri, u sibt ruħi mkaxkar ma' l-art. Is-Salib baqa' mħaddan ma' sidri.

Hekk qalli Kappillan, ħabib tiegħi.

Qomt niġri mill-art għax kont għadni fl-aqwa tiegħi, imma rkobbtejja kienu misluħa u bdew jaħarquni. Fil-pront smajt min isejjaħli minn warajja: "Sidor!... Dun Sidor!..." Kienet ommi li ntebħet bija u beżgħet li kienet sejra tiġrili xi ħaġa. Komplejt niġri kemm niflaħ bis-Salib magħfus ma' sidri.

Bdejt għaddej minn triq għall-oħra f'dak il-waħx tal-lejl, f'dak il-beraq ileħħ waħda f'waħda, f'dik il-kesħa xxoqq il-għadam. Imma xejn ma qatagħli qalbi. Ridt nasal fil-ħin.

Sa ħtieġli naqbeż il-ħitan tas-sejjieħ, u nirfes fuq iż-żara', u nibqa' għaddej minn ġo l-egħlieqi. Il-klieb tal-għassa bdew jinbħu imma ma jmissunix, jersqu bil-ġirja għal fuqi, jiftħu kull xedaq daqsiex, iberrqu għajnejhom, jinbħu u jiġu biex jigdmuni imma jieqfu fil-pront donnha xi ħaġa misterjuża qiegħda żżommhom.

Żidt, flok naqqast, fil-ġiri. Donni aktar ma niġri aktar nieħu saħħa ġdida. Kien hemm xi ħaġa fija li kienet qiegħda timbuttani, li kienet qiegħda tgħinni biex inħaffef aktar.

Wasalt fl-aħħar f'wesgħa kbira. Ħadt in-nifs u waqaft. Fuq in-naħa tal-lemin kien hemm dar kbira. Mit-twieqi magħluqa fuq il-ħġieġ, kien jidher li kien għad hemm id-dawl f'xi kmamar. Id-djar l-oħra kollha ta' madwarha kienu mkeffna fid-dlam.

Il-beraq beda jnaqqas imma r-riħ kont tisthajlu qisu t-tgergir ta' qabda erwieħ li qamu minn qabarhom u bdew jitniehdu u jolfqu bħal min hu qalbu maqtugħa u mxabba'. Is-saħħa kollha ta' riġlejja donnha ntemmet f'daqqa waħda xħin ersaqt lejn il-bieb. Ridt inċempel u l-ħila naqsitni. "Isa, tibżax!" donni smajt min qed igħidli, "tibżax, hemm Alla jgħinek!"

Il-bieb rajtu jitbexxaq bil-mod bil-mod, kont għadni anqas ċempilt. Xi ħadd kien qed jistennieni fuq ix-xwiek u niżel jiftaħli qabel qbadt il-qanpiena f'idejja. Is-Salib kien għadu mħaddan ma' sidri. Hu — Hu biss — li seta' jgħinni fil-biċċa xogħol iebsa li kont dħalt għaliha.

"Għaddi, Dun! Idħol!" smajt leħen igħidli minn ġewwa. Kien il-leħen ta' mara. Il-ħarsa ta' għajnejha kienet tidher ta' waħda mbeżgħa u li batiet ħafna f'dawn l-aħħar xhur.

Lil dik il-mara kont ili nafha. Ma għandix għalfejn naħbi. Kont nafha tifla toqgħod ħdejna: konna żgħar nilagħbu flimkien, logħob ta' tfal, b'dik l-innoċenza kollha, bla ebda dell ta' ħażen. Xi żmien kien dak! Għadda darba għal dejjem. Kbirna u bqajna' ħbieb. Konna mmorru skola waħda, skola li kienet għas-subien u l-bniet flimkien, u kien jidher li qalbna kienet miġbuda ħafna għal xulxin. X'hemm x'naħbi? L-imħabba bagħatha Alla. U kont tabilħaqq inħoss imħabba kbira għal din it-tfajla, imħabba illi, kieku seħħet, kienet tbiddel għal kollox il-ħajja tiegħi u tagħha. Imma Alla ried xort'oħra. Lili kellu bżonni fil-qasam Tiegħu, u meta ħassejt fija l-vokazzjoni ta' saċerdot irmejt wara spallejja l-pjaċiri tad-dinja, u dik ix-xebba li kont tassew inħobb inqtajt minnha darba għal dejjem. Imma min qatt kellu jgħidli li għad jiġi żmien li kelli nħabbat wiċċi magħha f'ċirkostanzi hekk koroh?

"Kif inhu?" staqsejtha.

"Għall-agħar!" weġbitni.

Bdejt tiela' t-taraġ għall-kamra fejn kien qiegħed, waqt li hi tgħaġġel quddiemi. Tiela'... tiela'... donnu dan it-taraġ ma jispiċċa qatt. Qalbi bdiet tħabbat qawwi, u kull taħbita ma' kull tarġa li nitla' kont qed nisthajjilha qisha d-daqqa sħiħa ta' martell li kienet tidwi ġo moħħi u tisturdini. F'daqqa kollox beda jdur bija, ser naqa' u ma naqax. Ridt ingħajjat u ngħidilha biex iżżommni għax stennejtni ser nistabat ma' l-art. Imma, ma nafx kif, smajt leħenha jgħidli:

"Hawn! Idħol bil-mod!"

Anqas ilħaqt dħalt fil-kamra, għajta ta' barri iferoċjat qatgħetni minn saqajja.

"Mur 'il barra! Ħadd ma bagħat għalik! Mur..."

Komplejt riesaq, riesaq. Dik il-ħasda li kelli, issa għaddietli. Issa ftakart għalfejn kont mort hemmhekk. Komplejt riesaq, riesaq.

"Mur 'il barra! Int bniedem ta' saħta, int bniedem ħażin, x'ġiebek hawn?..."

"Ġejt f'isem Ġesù", għidtlu bil-kalma kollha.

"Ġesù! Min hu dan Ġesù tiegħek?" qalli b'għajnejh iridu jtajru n-nar.

"Ġesù, dak li ġie fid-dinja biex ifejjaq l-uġigħ u tjaffi l-mard tal-moħħ u tar-ruħ..."

"Jiena la jien marid b'moħħi u anqas b'ruħi, aqbiżli 'l barra minn hawn!"

"Dan hu Ġesù..." għidtlu filwaqt li wrejtu lil Kristu Msallab... "Dan huwa Ġesù!"

Malli ħriġt il-Kurċifiss, u wrejtulu, dak il-bniedem sar xitan. Inġibed lura, werżaq twerżiqa tkessaħlek demmek, imbagħad bis-saħħa kollha ntefa' għal fuqi, jipprova jeħodlii s-Salib minn idejja, igħajjat, iwerżaq, jixher u jisħet id-dinja. Dik il-għajta tiegħu ta' biża' u ta' rabja bikkmitni.

...Ħadt ir-ruħ x'ħin smajt lil ommi ssejjaħli: "Sidor, qum! Dalwaqt il-ħamsa!"

Iżżejt ħajr 'l Alla. Kienet ħolma.

## PPROFIL LETTERARJU Nru. 1

## ĠUŻE' CHETCUTI

**Minn OVIDJU**



Il-profil letterarju fl-ewwel ħarġa tal-gazzetta "L-Imsida" ser niddedikawh lill-magħruf poeta u kittieb li qed joqgħod ġewwa beltna l-Imsida: Ġuże' Chetcuti. Ġuże' Chetcuti twieled f'Bormla f'Awissu, 1914; huwa surmast tal-Malti fil-Liċeo u lecturer fil-Mater Admirabilis Training College, kif ukoll lecturer fil-Maturity Course ta' l-Emergency Teachers.

Fis-sena 1938 sar membru u ġie mlaħħaq Segretarju tal-Kunsill tal-Għaqda "L-Akkademja tal-Malti". Ġuże' Chetcuti kien ukoll Ass. Direttur tar-rivista letterarja "Leħen il-Malti" meta l-Poeta Dun Karm Psaila kien Direttur. Ġuże' Chetcuti huwa magħruf ħafna għall-poeżiji tiegħu, u dawn il-poeżiji ġew tradotti għal bosta lingwi, fosthom "Melita Invicta", li dehret fil-"World Digest", u poeżiji oħra li ġew tradotti bit-Taljan minn Dr. V. M. Pellegrini u li dehru fil-ktieb "Spirituale Convegno".

Il-magħruf Dr. Giovanni Curmi kiteb fuq Ġuże' Chetcuti studju bit-Taljan li deher fil-"Journal of Faculty of Arts", Vol. II No. 3, 1964, u ittraduċa mal-20 poeżija minn tiegħu. Ta' min jinnota wkoll li kitba tiegħu, sew proża kemm poeżija, daħlet fl-Antoloġiji bil-Malti li ħarġu u ġiet imgħallma fl-Università u fil-Liċeo.

Ġuże' Chetcuti kiteb ukoll poeżiji, ktieb ta' poeżiji li jismu "Melita Invicta", Studju kritiku dwar il-poeżija Maltija fl-1952; kiteb ukoll ktieb ta' Poeżiji Marjani u ktieb ta' studju kritiku fuq Giovanni Curmi u Anton Cremona. Kittieb magħruf għar-rumanzi, huwa kiteb "Id-dawl tal-ħajja" fl-1958; "Imħabba u mewt" fl-1961; "L-Isqaq" fl-1962; "It-Tnalja" fl-1964; "Fra Martin u novelli oħra" fl-1961; ktieb fuq ġrajjiet mill-Ħajja ta' Kappillan fl-1960, li jinkludi fih għoxrin novella. Huwa l-awtur ta' traduzzjonijiet u komponimenti, kif ukoll tal-magħruf dramm "Il-Kerrejja", li kien inħadem għal bosta drabi fuq talba ġenerali fit-Teatru Manoel u kiseb suċċessi kbar.

Ġuże' Chetcuti ittraduċa wkoll rumanzi mit-Taljan għall-Malti, fost dawn "Mewta mqar pranzu" u "Fil-Palazz ta' Angwillara", kif ukoll novelli u poeżiji ta' l-istess awtur. Kif qegħdin taraw aħna l-Misidjani għandna għax inkunu kburin li ġewwa pajjiżna jinsab dan il-magħruf kittieb, li aħna fil-waqt li nawgurawlu suċċessi akbar, nixtiequ nirringrazzjawh tan-novella li għogbu jikteb għal dan il-ġurnal u li llum qegħdin nippubblikaw, kif ukoll tal-kooperazzjoni li tana biex inkunu nistgħu noħorġu dan il-ġurnal.

# VARJETA'

## PAUL ANKA

### L-AKTAR MILJUNARJU ŻAGĦŻUGĦ TAD-DINJA

PAUL ANKA l-aktar miljunarju żagħżugħ tad-dinja... Paul Anka l-kantant favorit internazzjonali... Paul Anka l-imwieled artist... Paul Anka l-kantant milqugħ miż-żgħażagħ bħal meta pajjiż jilqa' lir-re tiegħu...... dawn kienu d-diversi headlines li wieħed jara ta' spiss fil-gazzetti u magazines ta' fama mondjali.

Isejħulu sewwa b'dawn it-titoli lil Paul Anka? Din il-mistoqsija nħalliha għalikom qarrejja żgħażagħ, imma jiena ngħid għalija nħoss li dawn it-titoli huma tassew xierqa lil Paul Anka meta wieħed iqis li kien għad għandu biss 15-il sena u kien diġà sar popolari ħafna għall-ewwel diska tiegħu *Diana*, song li kien kiteb hu u kantaha hu. Paul hu kittieb ta' ftit inqas minn 400 song. Kien għadu ma għalaqx il-21 sena meta kien diġà dar id-dinja għal darbtejn, u kull fejn mar laqgħuh bħalma pajjiż jilqa' lir-re tiegħu.



Fi Frar ta' l-1963 Paul iżżewweġ lill-grazzjuża mudella Anne De Zogheb, tfajla li tixraqlu għall-ħlewwa u persuna li għandha.

Ix-xahar ta' Settembru għaddieh billi għamel viżta twila ma' Sweden fejn ta shows kuljum; u mit-2 ta' Settembru sat-22 għamel show kuljum fil-Hotel Sands, ġo Las Vegas, Nevada; hawn wieħed jista' jifhem li Paul ma għandux kwiet, u hu stess igħid hekk: Nieħu gost meta nikteb u nkanta s-songs tiegħi, u hekk irrid nagħti gost lil min jismagħni u jarani"; u jżid igħid: "X'hemm isbaħ minn meta wieħed jagħti minn dak li għandu u juri dak li jkun jaf?"

Bħal issa Paul waqaf ftit mill-films, u hu jgħid hekk: "Inħossni aktar f'tiegħi u liberu meta nkun inkanta milli meta nieħu parti f'xi film". Però minkejja ta' dan hu għadu kemm spiċċa sensiela twila ta' films għat-T.V. li jinkludu: *Ed Sullivan Show, The missing link, Password, Lonely Boy, Stories from the Bible, What's my line, Match game, To tell the truth.* Dawn kienu l-ismijiet tal-programmi ta' Paul li nispera li xi darba għad naraw xi ftit minnhom hawn Malta.

L-aħħar songs li kiteb huma *In my imagination* u *It's easy to say*, li qegħdin fuq diska waħda RCA Victor, u wkoll għamel Long Play Album jismu *Excitement on Park Avenue* li fih 12-il song.

L-aħħar song hija wkoll bit-Taljan, *Estate senza te;* din għamilha wara t-trijonf li kellu fil-Festival ta' San Remo meta kanta *Ogni volta,* li għaliha rebaħ ukoll diska tad-deheb għal dawk il-miljuni li nbiegħu minn din is-song.

U għal-lum daqshekk biżżejjed, iżda min ikun irid xi tagħrif għandu jidħol fil-Fan Club tiegħu ta' Malta u jikteb hekk: Anthony Balzan, President, Paul Anka Fan Club of Malta, Sliema.

Ibagħtu Postal Order ta' 5/- bi ħlas għal sena, u fost affarijiet li tirċievu b'xejn, bħalma huma ritratti, badge, eċċ., tirċievu wkoll in-Newsletter kull xahar.

## KOMPETIZZJONI

Wieġeb fil-qosor dawn il-mistoqsijiet:

1. X'jisimhom il-kanzunetti li rebħu din is-sena l-Festivals ta' Sanremo, Napli u z-Zecchino D'Oro?
2. X'kien jismu l-President Kennedy u x'jisimhom Mrs. Kennedy u ż-żewġt itfal tagħhom?
3. Hemm Kardinal bħalissa fl-Ingilterra (residenti) u x'jismu?
4. Min kienet dik il-mara magħrufa li hija meqjusa l-fundatriċi tan-Nursing?
5. Kemm kien hawn kappillani fl-Imsida sal-lum u x'jisimhom?
6. Min inawgura l-playground ta' tal-Pietà u min bierku solennement?

*Kundizzjonijiet*

1. Kulħadd jista 'jidħol għal din il-kompetizzjoni.
2. Mat-tweġiba tagħkom, poġġu fl-envelope bolla ta' 2d *mhix użata.*
3. Ibagħtu t-tweġibiet tagħkom, flimkien ma' l-isem u l-indirizz, lill-Editur mhux aktar tard mill-25 ta' Novembru.
4. Jiġi mogħti premju, u jekk it-tweġibiet tajba jkunu aktar minn waħda, il-premju jiġi mtella' bix-xorti.
5. Ir-riżultat ikun ippubblikat fil-ħarġa li ġejja.

## DAWRA MAR-ROLLING STONES

Ir-Rolling Stones iffurmaw xi sentejn ilu. Il-waqt tagħhom ġie f'li Station Hotel, Richmond, fejn rahom il-manager preżenti tagħhom. Iffirmaw kuntratt mad-ditta tad-diski "Decca" u ħarġu bl-ewwel kanzunetta, *Come on.* Huma grupp oriġinali u ħadu l-isem tagħhom minn kompożizzjoni ta' Chuck Berry ta' l-istess isem.

### Min huma r-Rolling Stones?

MICK JAGGER (harmonica u kantant), twieled f'Dartford, Kent, u għandu għoxrin sena. Iħobb ħafna l-ikel Ċiniż, u kważi jonfoq flusu kollha fuq ħwejjeġ x'jilbes. Daqq mal-grupp mindu iffurmaw.

BRIAN JONES (kitarra u harmonica), twieled f'Cheltenham u għandu għoxrin sena. Ipejjep sittin sigarrett kuljum u jgħid li huwa iffissat fuq il-ferroviji.

KEITH RICHARD (kitarra u kantant), twieled f'Dartford għoxrin sena ilu. Kien jaħdem mal-Posta qabel ma beda l-karriera mużikali. Huwa fan ħafna tar-rhythm u l-blues u jħobb ixxogħol ta' Chuck Berry u Jimmy Reed.

BILL WYMAN (bass guitar), għandu tnejn u għoxrin sena. Imlaqqam "The Ghost" (il-fatat) minħabba l-kulur naturali tal-ġilda tiegħu, li hija fl-isfar, u għandu ħaddejh bil-ħofra. Huwa fan ukoll ta' Chuck Berry.

CHARLIE WATTS (drums), għandu tnejn u għoxrin sena. Huwa magħruf bħala "is-sabiħ" tal-grupp u sħabu jgħajtulu "Charlie Boy". Għandu 'l fuq minn mitt maktur tal-but.

### QUESTION BOX

**Nirċievu l-mistoqsijiet tagħkom u nirrispondu f'din il-kaxxa. Jistgħu jkunu fuq kwalunkwe suġġett, basta jkunu ta' interess ġenerali għall-qarrejja. Ibagħtu għalhekk il-mistoqsijiet tagħkom lill-Editur.**


## SHELL FILLING STATION

(Prop. J. Pace & Sons)

**MENQA SQUARE - MSIDA**

Telephone: Sliema 2745




**Motor Car Spare Parts and Accessories**

# SPORTS

Minn CHARLIE CASHA

## ST. JOSEPH FOOTBALL CLUB

Is-"St. Joseph" ta' l-Imsida issa jinsabu fit-III Division "A" tal-M.F.A., wara bidu daqsxejn inċert. Fit-III Division "B", is-St. Joseph bdew jissaħħu ftit ftit, u waslu biex spiċċaw il-league bħala champions u mingħajr ebda telfa.

B'għadd ta' players regulari mill-istaġun ta qabel neqsin, is-St. Joseph bdew l-istaġun b'rebħa fuq it-team tal-Mellieħa, imma l-kalibru tal-logħob ma tantx issoddisfa lill-kumitat u minnufih bdiet kampanja għall-akkwist ta' players ġodda; u l-akkwist ta' Twannie Agius u John Demicoli minn fuq il-kotba tal-Valletta, Tony u Lewis Betts minn għand is-Sliema Wanderers, Egidio Sammut, Gżira, u Charlie Betts, Melita, komplew saħħew it-team ta' l-Imsida, u minn kmieni fl-istaġun urew li ser ikunu r-rebbieħa tal-League.

Waslet il-logħba kontra St. Vennera, li minnha kien jiddependi d-destin tas-St. Joseph. F'dak il-perijodu t-team kien mingħajr il-left-fullback, peress li Joe Camilleri emigra għall-Awstralja, John Demicoli kien indispost li jilgħab, u Tony Betts ma kienx qed jittrenja, il-kumitat ma ried jieħu ebda riskju u minnufih avviċinaw lill-kumitat tas-Sliema Wanderers għar-release tal-fullback Johnnie Gatt. It-trattativi seħħew u Gatt lagħab l-ewwel logħba tiegħu kontra l-istess St. Vennera, u ried ikun il-goal tar-rightwing Charlie Betts fl-aħħar minuti tal-logħba li ta r-rebħa u vantaġġ ta' ħames punti lis-St. Joseph, li komplew biex spiċċaw il-league bħala Champions.

Issa qegħdin fl-istaġun 1964/65, u s-sħubija tal-players Charlie Mizzi u Joe DeMarco, ex-Balzan Youths, Joe Pace, ex-Gżira United, Alfred Cutajar, ex-Hamrun Spartans, Parnis, ex-Zabbar, u t-training mill-ġdid tal-player Tony Betts, flimkien mal-biċċa l-kbira tal-players tas-sena l-oħra (kollha minbarra Joe Ellul u Charlie Betts) ikomplu jsaħħu t-team tasSt. Joseph — forsi niksbu post fejn jixirqilna f'diviżjoni ogħla.

Dawn li ġejjin huma l-fixtures kollha ta' l-istaġun 1964/65:

Novembru 1 — St. Joseph vs. Senglea A.
Novembru 22 — St. Joseph vs. Żebbuġ R.
Novembru 29 — Naxxar L. vs. St. Joseph.
Diċembru 20 — St. Patrick vs. St. Joseph.
Jannar 3 (1965) — Żurrieq vs. St. Joseph.
Jannar 10 — Mosta vs. St. Joseph.

**A. CIANCIO**
**1, PARISH STREET**
**MSIDA**
**Bazaar & Barber Saloon**
Full Assortment of
Christmas Cards
and Toys
*Films Developed*
*Printed*
*and Enlarged*
**Next day service**

## MSIDA WOLVES

Msida Wolves . . . . . . . 1
Athleta Juvenis . . . . . 0

Minkejja li rebħu biss 1—0, Msida Wolves kienu superjuri fuq il-Juvenis tul il-logħba kollha, imma l-ewwel half spiċċa 0—0.

Kmieni fit-tieni half, il-left-wing *L. Cauchi* skorja l-uniku goal tal-logħba biex ta rebħa mistħoqqa lil Msida Wolves.

*Kif lagħbu:* L. Mizzi; F. Briffa, T. Betts; R. Cauchi, L. Bellts, Sullivan; G. Betts, M. Vella, A. Cutajar, J. Bond, L. Cauchi.

Mercury S.C. . . . . . . 0
Msida Wolves . . . . . . 4

Msida Wolves għamlu rebħa ħafifa fuq il-Mercury S.C. b'li score ta' 4—0. Daqqa ta' ras ta' C. Mock wara corner fl-10 minuta ta' l-ewwel half fetħet li score għall-Misidjani. Fl-24 minuta, xott qawwi tal-left-inside Paris sforza lil F. Briffa jagħmel save ta' goalkeeper; fil-25 minuta penalty mogħti minn Johnnie Gatt ġie salvat b'save sabiħ ħafna mill-goalkeeper Lino Mizzi.

Msida Wolves komplew jiddominaw tul it-tieni half kollu, u tliet goals oħra ta' *R. Cauchi, Muscat* u *Cutajar* taw it-tieni rebħa konsekutiva lil Msida Wolves.

*Kif lagħbu:* L. Mizzi; F. Briffa, T. Betts; J. Ellul, L. Betts, Sullivan; G. Betts, R. Cauchi, A. Cutajar, Muscat, L. Cauchi.

**IL-FAMUŻA DOLĊERIJA**
**FL-IMSIDA**
**BUSY - BEE**
**tirċievi ordnijiet għal**
TIĠIJIET
MAGHMUDIJIET
PARTIES

**INVICTA WORKS**
**MANUFACTURERS OF**
**MODERN TUBULAR FURNITURE**
**INVICTA for your household and office needs**
*Be Proud* — Have Modern Furniture
*Be Wise* — Have INVICTA FURNITURE
**FLATS - HOSPITALS - SCHOOLS**
are modern only when
INVICTA FURNITURE IS USED

FREE!! Literatures and Brochures
on request.

*Factories and Head Office:*
Quarries Square, MSIDA 26651
*Showrooms:*
The Strand, SLIEMA 33827
Pietà Wharf, PIETA'.
**Visits Solicited Without Obligations**
**Buy the Best! Buy INVICTA FURNITURE**
**THE FURNITURE OF A LIFETIME**

**SAVOY GARAGE**
(Props. J. Pace & Sons)
*Private Buses,*
*Cars and Volkswagens*
*for Hire Service*
*at Moderate Prices.*
**246-250, D'ARGENS ROAD**
**GZIRA**
and
**SLIEMA ROAD, GZIRA**
(opposite Marshall Court)
**Phone: Sliema 31332**
DAY AND NIGHT SERVICE

